

Brussell, 16 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13235/18

SOC 624
EMPL 478

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 12210/18	
Suġġett:	Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal- Fajja u tax-Xogħol Fatra tas-Sur Luis María TEMES CASTRILLÓN bħala membru supplenti għal Spanja, minflok is-Sur Marcos FRAILE PASTOR, li rriżenja

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Marcos FRAILE PASTOR bħala membru supplenti tal-Bord Governattiv tal-Fondazzjoni msemmija hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għal Spanja).
2. Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 1365/75, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1111/2005, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord Governattiv jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern ta' Spanja nnomina l-kandidat li ġej biex jissostitwixxi lill-membru supplenti li rriżenja għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-30 ta' Novembru 2019:

Is-Sur Luis María TEMES CASTRILLÓN

Consejero Técnico de la Subdirección General de Estadística y Análisis Sociolaboral

Tel: + 34 91 363 37 05

indirizz elettroniku: *luis.temes@mitramiss.es*

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill meħmuża li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, u
 - (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti

tal-Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea

għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol

—

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2016², il-Kunsill ħatar lill-membri u l-membri supplenti tal-Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-perijodu li jintemm fit-30 ta' Novembru 2019.
- (2) Post ta' membru supplenti tal-Bord Governattiv ta' dik il-Fondazzjoni fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet sar vakanti b'riżultat tar-riżenja tas-Sur Marcos FRAILE PASTOR.
- (3) il-gvern ta' Spanja ppreżenta nomina għall-post vakanti,

¹ ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1111/2005, ĠU L 184, 15.7.2005, p. 1.

² ĠU C 447, 1.12.2016, p. 2.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Luis María TEMES CASTRILLÓN hu b'dan maħtur membru supplenti tal-Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol minflok is-Sur Marcos FRAILE PASTOR għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-30 ta' Novembru 2019.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President
